# "VANITAS VANITATUM"

*Ta'* PAWLU CACHIA

Fil-mewġa li tqalleb il-ġrajja,
    Jiżdiedu tal-qerda l-ħakmiet,
    Fil-milja tas-setgħa jintilfu,
    B'saffejn b'hekk isaħħu l-qawwiet.

Id-dinja moħfija b'għamxietha:
    Kull kruha fil-hena mistur,
    B'ħaddieħor jinqeda kull bniedem
    Fil-mixja qabbieża għall-futur.

Ġa siequ fil-ħondoq ix-xwejjaħ,
    Kemmxulu wardietu s-snin qsar,
    Bil-ħatar izzappap għar-raqda
    U jridha bħal wieħed miż-żgħar.

Iż-żgħażagħ jimirħu f'ġejjieni
    Imxarrab b'ta' l-għasel il-ward,
    Bit-togħma tal-faraġ l-imħabba:
    Id-duwa fid-diqa, fil-mard.

F'ħin wieħed, iż-żmien wisq nebbiexi
    Mar-riħ 'l hemm ikerraħ l-għaxqiet;
    Il-balzmu jinbidel f'ħall qares
    Bix-xalar ta' l-għatx ix-xewqiet;

U mħal'at kulħadd f'merħla waħda,
    Fl-imsaġar imħaddra b'fehmiet
    Li jisqu mal-gomma tal-għira
    It-thewdin tas-sakra l-ħlewwiet.

Il-mara mal-mera tiddandan;
    Miżbugħ il-wiċċ, mkaħħla l-għajnejn
    Fil-ħmura tiżżelleġ ix-xoffa,
    Bil-fwieħa jiddellku l-idejn.



U b'tektik l-arloġġ iħuf magħha,
    Jiddewwed ġisimha bid-dud,
    Jixpakka ħaddejha miż-żina,
    Suritha f'għuwied it-tebut.

Kif jibqgħu jitgerrbu għan-niżla
    Tal-ġenn, ħmerijiet u bluhat,
    Mal-Ħakem (*) għad fl-aħħar jixehru:
    "Għalina dawk kienu frugħat!"

* Is-Sultan Salamun, li fuq is-sodda tal-mewt stqarr, "Frugħat tal-frugħat u kollox frugħa."

---

# ID-DINJA GĦAJJIET

*Ta'* EMMLE. ATTARD

Bħal dawk il-ħafna isqra
l-bnedmin fil-biża'
ta' xulxin,
u l-ego jfur ġo moħħ.
Id-dinja għajjiet iddur
bil-kotra tal-bnedmin
jaħdmu l-parti
ta' xulxin
fil-fond ta' kemm il-ġrajja
bla realtà.
. . . . U l-ego fgat
idur fil-ħmieġ li ħadem ħuh;
l-ispirtu bla tama tat-temma tax-xewqa
jokrob — jokrob — jokrob
għall-mistrieħ
. . . . tar kollox mar-riħ.
. . . . U ħadt b'id is setgħan
u ħadt b'id il-ġwejjed . . . .
Ġifa.
Bħall-kotra tal bnedmin
fil-biża' ta' xulxin . . . :
id-dinja għajjiet iddur bla VERITÀ'
id-dinja għajjiet . . . .
BNEDMIN!!